## MILL-QIEGĦ TA' L-IMGĦODDI

*Ta' Ġużè' Chetcuti*

Bil-ħarsa ta' waħda li daqet il-ħajja
Sabiħa, mimlija bil-ġenn taż-żgħużija,
Bil-bewsa f'xuftejha, b'qiegħ qalbha f'idejha,
Bil-warda tal-hena f'ħaddejha,
Hekk rajtha quddiemi
Il-mara tad-dnub.

Mitluf wara seħer li jqarraq,
Ma ntbaħtx f'liema triq kont għaddej,
Fittixt, imma għalxejn, id-dawl safi,
Id-dawl ta' l-imħabba, Mulej.

Fost mirja li jlellxu ta' ġmiel u ta' frugħa,
Fis-sakra tal-bluha,
Imxejt b'għamad kbir fuq għajnejja:
Ħassejt
L-id mielsa tas-snin minn fuq xagħri għaddejja,
U naqset u mietet il-ġibda
Għall-mara tad-dnub.

Mitluf wara seħer li jqarraq,
Ma ntbaħtx f'liema triq kont għaddej,
Fittixt, imma għalxejn, id-dawl safi,
Id-dawl ta' l-imħabba, Mulej.

Rajtha tintrema fil-qżież u fil-ħama,
Rajtha tintefa', ferrieħa, fit-tajn,
Rajtha titkażbar ġo baħar ta' ħtija,
Rajtha tintelaq, bla ġieħ, mas-saqajn,
U tagħti lid-dinja,
Lid-dinja qarrieqa,
Il-ħlas ta' ħtijietha,
Il-prezz ta' dnubietha,
Il-mara tad-dnub.

Mitluf wara seħer li jqarraq,
Ma ntbaħtx f'liema triq kont għaddej,
Fittixt, imma għalxejn, id-dawl safi,
Id-dawl ta' l-imħabba, Mulej.



U qbadt triq oħra, it-triq
Fejn l-hena u s-sliem jiżżewġu.
Ġarrabt il-paċi ta' ġo dar imbierka,
U rajt id-daħk u l-ferħ imewġu
Mill-għajnejn sbieħ ta' wlied u omm henjin.
Din hi l-ħajja li ridt,
Mhux dik li wgħedtni int,
Mara tad-dnub.

Mitluf wara seħer li jqarraq,
Ma ntbaħtx f'liema triq kont għaddej,
Fittixt, fl-aħħar sibt, id-dawl safi,
Id-dawl ta' l-imħabba, Mulej.

---

## FRAK TAD-DEHEB

*Ta' P. Ġużeppi Meilak, S.J.*

*(Mill-Ingliż)*

Ċkejknin qatriet ta' l-ilma,
tal-ġebel żgħar farkiet,
jagħmlulek il-kbir baħar,
u jagħmlu r-rħula, l-bliet.

U hekk ħinijiet żgħirä,
għalkemm huma kibien,
jagħmlulek dik it-twila
li hi ż-żimna minn taż-żmien.

U kôs il-għelt iċ-ċkejken
'il barra r-ruħ iġorr
mit-triq tal-għamil tajjeb,
'il bogħod..., fid-dnub il-morr.

Għamil rqiq tal-ħlewwa,
u kliem li mħabba jdûq,
ibiddlu l-art tan-niket
fis-Sema li hemm fuq.